Nru./No. 21,640
Prezz/Price
€0.90

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

Il-Ħamis, 7 ta' Mejju, 2026
Thursday, 7th May, 2026

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

SOMMARJU – SUMMARY

Avviżi tal-Pulizija ..... 6093 - 6095
Police Notices ..... *6093 - 6095*

Avviżi tal-Gvern..... 6095 - 6099
Notices..... *6095 - 6099*

Avviżi tal-Qorti ..... 6100 - 6108
Court Notices ..... *6100 - 6108*

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 111

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li skont il-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 65.05 u l-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 65.13, it-toroq hawn taħt imsemmija se jiġu kklasifikati bħala Żoni ta' Rmonk kif indikat hawn taħt fid-dati u ħinijiet indikati.

Bis-saħħa tal-Artikolu 52(1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-vetturi tas-sewqan jista' jagħti l-każ li ma jkunux jistgħu jgħaddu jew jiddawru mit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Il-Fgura

Mit-8.00 a.m. tal-Ġimgħa, 8 ta' Mejju, 2026 sat-3.00 a.m. tal-Ħadd, 10 ta' Mejju, 2026, minn Triq is-Sur minn Wesgħa Kunsill tal-Ewropa sa Triq Anġlu u Marianna Camilleri.

It-trasport pubbliku mhux se jkun affettwat;

Nhar il-Ħamis, 14 ta' Mejju, 2026, mill-4.00 p.m. sad-9.00 p.m., minn Triq Mater Boni Consili.

It-trasport pubbliku mhux se jkun affettwat.

Ħal Luqa

Mis-6.00 a.m. tal-Ġimgħa, 8 ta' Mejju, 2026, sas-6.00 a.m. tas-Sibt, 9 ta' Mejju, 2026, minn Triq il-Knisja, Misraħ il-Knisja u Misraħ Sant'Andrija.

It-trasport pubbliku mhux se jkun affettwat.

Is-Siġġiewi

Mis-7.00 a.m. tal-Ġimgħa, 8 ta' Mejju, 2026 sal-11.00 p.m. tal-Ħadd, 10 ta' Mejju, 2026, hemm bżonn ta' clearance fi Pjazza San Nikola kollha;

Mis-7.00 a.m. tal-Ġimgħa, 8 ta' Mejju, 2026 sal-11.00 p.m. tal-Ħadd, 10 ta' Mejju, 2026, traffiku ġej minn Triq il-Knisja l-Qadima u Triq San Ġakbu ma jistax jaċċessa l-pjazza, traffiku ġej minn Triq il-Qajjied jista' biss idur lejn Triq il-Kbira u traffiku ġej minn Pjazza San Nikola jista' biss idur mal-knisja lejn Triq il-Parroċċa, jew joħroġ mill-pjazza minn Triq il-Qajjied (in-naħa ta' isfel ta' Pjazza San Nikola, bejn l-istatwa ta' San Nikola u l-għassa tal-Pulizija);

Nhar il-Ħadd, 10 ta' Mejju, 2026, mill-4.00 p.m. sal-11.00 p.m., traffiku ġej minn Triq il-Knisja l-Qadima u Triq San Ġakbu ma jistax jaċċessa l-pjazza, traffiku ġej minn Triq il-Qajjied jista' biss idur lejn Triq il-Kbira, u traffiku ġej minn Pjazza San Nikola jista' biss idur mal-knisja lejn Triq il-Parroċċa (il-parti

POLICE NOTICE

No. 111

The Commissioner of Police hereby notifies that in terms of Subsidiary Legislation 65.05 and Subsidiary Legislation 65.13, the streets listed hereunder are to be classified as Tow Zones.

In virtue of Section 52 (1) of the Traffic Regulations (Chapter 65). The Commissioner of Police hereby notifies that the transit and stopping of vehicles through the streets mentioned hereunder may be prohibited on the dates and times indicated.

Fgura

From 8.00 a.m. of Friday, 8th May, 2026 to 3.00 a.m. of Sunday, 10th May, 2026, through Triq is-Sur from Wesgħa Kunsill tal-Ewropa to Triq Anġlu u Marianna Camilleri.

Public transport will not be affected;

On Thursday, 14th May, 2026, from 4.00 p.m. to 9.00 p.m., through Triq Mater Boni Consili.

Public transport will not be affected.

Ħal Luqa

From 6.00 a.m. of Friday, 8th May, 2026, to 6.00 a.m. of Saturday, 9th May, 2026, through Triq il-Knisja, Misraħ il-Knisja and Misraħ Sant'Andrija.

Public transport will not be affected.

Siġġiewi

From 7.00 a.m. of Friday, 8th May, 2026 to 11.00 p.m. of Sunday, 10th May, 2026, clearance is required in all of Pjazza San Nikola;

From 7.00 a.m. of Friday, 8th May, 2026 to 11.00 p.m. of Sunday, 10th May, 2026, traffic coming from Triq il-Knisja l-Qadima and Triq San Ġakbu cannot access the square, traffic coming from Triq il-Qajjied can only turn towards Triq il-Kbira and traffic coming from Pjazza San Nikola can only turn around the church towards Triq il-Parroċċa, or exit the square through Triq il-Qajjied (the lower part of Pjazza San Nikola, from Saint Nicholas statue to the police station);

On Sunday, 10th May, 2026, from 4.00 p.m. to 11.00 p.m., traffic coming from Triq il-Knisja l-Qadima and Triq San Ġakbu cannot access the square, traffic coming from Triq il-Qajjied can only turn towards Triq il-Kbira, and traffic coming from Pjazza San Nikola can only turn around the church towards

ta' isfel u ta' fuq ta' Pjazza San Nikola, mill-knisja parrokkjali tal-għassa tal-Pulizija).

It-trasport pubbliku se jkun affettwat.

Hemm bżonn ta' clearance.

Il-Mosta

Nhar il-Ġimgħa, 8 ta' Mejju, 2026, mit-3.30 p.m. sal-10.30 p.m., mit-teatru Grieg.

It-trasport pubbliku mhux se jkun affettwat;

Nhar is-Sibt, 9 ta' Mejju, 2026, mit-8.00 a.m. sal-11.59 p.m., minn Milbrae Grove.

It-trasport pubbliku mhux se jkun affettwat;

Nhar it-Tlieta, 12 ta' Mejju, 2026, mis-6.00 a.m. sal-11.59 p.m., minn Triq il-Parroċċa u ż-żona tal-parkeġġ maġenb il-knisja.

It-trasport pubbliku mhux se jkun affettwat;

Mill-5.00 a.m. tal-Ħamis, 21 ta' Mejju, 2026 sas-6.00 a.m. tas-Sibt, 23 ta' Mejju, 2026, minn Triq Mons. B. Bezzina u Triq il-Parroċċa.

It-trasport pubbliku mhux se jkun affettwat;

Mis-6.30 a.m. tal-Ħamis, 21 ta' Mejju, 2026 sa nofsinhar tal-Ġimgħa, 22 ta' Mejju, 2026, minn Triq Mons. B. Bezzina.

It-trasport pubbliku mhux se jkun affettwat u parkeġġ se jkun projbit.

Tal-Pietà

Nhar is-Sibt, 9 ta' Mejju, 2026, mis-7.00 a.m. sal-11.30 p.m., minn partijiet minn Triq Joe Gasan u Triq Herbert Ganado, u l-pjazza ta' quddiem id-Dar Ċentrali tal-Partit Nazzjonalista;

Nhar is-Sibt, 9 ta' Mejju, 2026, mill-5.00 p.m. sad-9.00 p.m., mhux se jkun hemm aċċess minn Triq l-Ispartani u Triq Pietru Xuereb għal Triq Mountbatten.

Hemm bżonn ta' clearance.

Birgu/Bormla

Mis-6.00 a.m. tal-Ġimgħa, 8 ta' Mejju, 2026 sal-11.00 p.m. tal-Ħadd, 10 ta' Mejju, 2026, minn Triq il-Ġublew Tal-Fidda u Triq il-Kottonera.

It-trasport pubbliku se jkun affettwat nhar il-Ħadd, 10 ta' Mejju, 2026, mis-2.00 p.m. sal-11.00 p.m.

Triq il-Parroċċa (lower and upper part of Pjazza San Nikola, from the parish church to the police station).

Public transport will be affected.

Clearance is required.

Mosta

On Friday, 8th May, 2026, from 3.30 p.m. to 10.30 p.m., through the Greek theatre.

Public transport will not be affected;

On Saturday, 9th May, 2026, from 8.00 a.m. to 11.59 p.m., through Milbrae Grove.

Public transport will not be affected;

On Tuesday, 12th May, 2026, from 6.00 a.m. to 11.59 p.m., through Triq il-Parroċċa and the parking area next to the church.

Public transport will not be affected;

From 5.00 a.m. of Thursday, 21st May, 2026 to 6.00 a.m. of Saturday, 23rd May, 2026, through Triq Mons. B. Bezzina and Triq il-Parroċċa.

Public transport will not be affected;

From 6.30 a.m. of Thursday, 21st May, 2026 to noon of Friday, 22nd May, 2026, through Triq Mons. B. Bezzina.

Public transport will not be affected and parking will be prohibited.

Tal-Pietà

On Saturday, 9th May, 2026, from 7.00 a.m. to 11.30 p.m., through parts of Triq Joe Gasan and Triq Herbert Ganado, and the square in front of the Nationalist Party's headquarters;

On Saturday, 9th May, 2026, from 5.00 p.m. to 9.00 p.m., there will be no access from Triq l-Ispartani and Triq Pietru Xuereb to Triq Mountbatten.

Clearance is required.

Vittoriosa/Cospicua

From 6.00 a.m. of Friday, 8th May, 2026 to 11.00 p.m. of Sunday, 10th May, 2026, through Triq il-Ġublew tal-Fidda and Triq il-Kottonera.

Public transport will be affected on Sunday, 10th May, 2026, from 2.00 p.m. to 11.00 p.m.

Bormla

Nhar il-Ġimgħa, 8 ta' Mejju, 2026, mit-8.00 a.m. sal-11.59 p.m., minn Triq it-8 ta' Diċembru, Triq il-Ġublew tal-Fidda u Triq San Ġorġ.

It-trasport pubbliku mhux se jkun affettwat.

Vetturi li jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu suġġetti li jiġu rmunkati.

Is-7 ta' Mejju, 2026

UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU

Sospensjoni ta' Traffiku u Parkeġġ

L-Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti Ewlieni jgħarraf illi minħabba l-organizzazzjoni tal-Villaġġ Sportiv fl-MFCC, iż-żona f'Ta' Qali biswit il-BOV Adventure Park immarkata bl-iswed fil-pjanta li tidher hawn taħt se tkun magħluqa għat-traffiku u ma jistax isir parkeġġ mhux awtorizzat nhar l-Erbgħa, 20, il-Ħamis, 21 u l-Ġimgħa, 22 ta' Mejju, 2026 mill-5.00 a.m. sas-2.00 p.m. Vetturi pparkjati bla awtorizzazzjoni jiġu mneħħija.

Is-7 ta' Mejju, 2026

Cospicua

On Friday, 8th May, 2026, from 8.00 a.m. to 11.59 p.m., through Triq it-8 ta' Diċembru, Triq il-Ġublew tal-Fidda and Triq San Ġorġ.

Public transport will not be affected.

Any vehicles found parked in contravention to the order of this notice are liable to be towed away.


7th May, 2026

OFFICE OF THE PRIME MINISTER

Suspension of Traffic and Parking

The Office of the Principal Permanent Secretary notifies that due to the organisation of the Sports Village at MFCC, the area in Ta' Qali adjacent to the BOV Adventure Park marked in black in the plan shown below will be closed to traffic and unauthorised parking cannot take place on Wednesday, 20th, Thursday, 21st and Friday 22nd May, 2026 from 5.00 a.m. to 2.00 p.m. Unauthorized unattended parked vehicles will be towed.

7th May, 2026



ATT DWAR L-ELEZZJONIJIET ĠENERALI (KAP. 354)

Avviż

Il-Kummissjonarji Elettorali b'dan javżaw li skont is-subartikolu (b) tal-artikolu 45 tal-Att dwar l-Elezzjonijiet Ġenerali (Kap. 354), dawn li ġejjin huma l-postijiet tal-votazzjoni għall-eletturi residenti fid-Djar tal-Anzjani skont is-subartikolu (3) (d) tal-artikolu 77 tal-Att dwar l-Elezzjonjiet Ġenerali (Kap. 354):

P/M BIRKIRKARA

* Kamra tal-Votazzjoni Nru. 901
Dar tal-Kleru 'Christus Sacerdos'
Triq Anġlu Grima.

IL-ĦAMRUN

* Kamra tal-Votazzjoni Nru. 902
Dar San Pawl,
Triq is-Sorijiet iż-Żgħar tal-Fqar.

SANTA VENERA

* Kamra tal-Votazzjoni Nru. 903
Casa Francesco,
Triq il-Kbira San Ġużepp.

IŻ-ŻEJTUN

* Kmamar tal-Votazzjoni Nri. 904 u 905
Dar l-Anzjani,
Triq id-Daħla ta' San Tumas.

ĦAL GĦAXAQ

* Kamra tal-Votazzjoni Nru. 906
Ghigo Community Residence,
Triq il-Pitirross.

MARSASKALA

* Kmamar tal-Votazzjoni Nri. 907, 908 u 909
St Thomas Community Living,
Triq il-Baħħara.

IL-FGURA

* Kmamar tal-Votazzjoni Nri. 910, 911 u 912
Residenza San Ġużepp,
Triq il-Kuluvert.

GENERAL ELECTIONS ACT (CAP. 354)

Notice

The Electoral Commissioners hereby give notice that in terms of subarticle (b) of article 45 of the General Elections Act (Cap. 354), the polling places for voters resident in Old Peoples' Homes as established according to subarticle (3) (d) of article 77 of the General Elections Act (Cap. 354) shall be the following:

P/M BIRKIRKARA

* Polling Booth No. 901
Dar tal-Kleru 'Christus Sacerdos'
Triq Anġlu Grima.

IL-ĦAMRUN

* Polling Booth No. 902
Dar San Pawl,
Triq is-Sorijiet iż-Żgħar tal-Fqar.

SANTA VENERA

* Polling Booth No. 903
Casa Francesco,
Triq il-Kbira San Ġużepp.

IŻ-ŻEJTUN

* Polling Booths Nos. 904 and 905
Dar l-Anzjani,
Triq id-Daħla ta' San Tumas.

ĦAL GĦAXAQ

* Polling Booth No. 906
Ghigo Community Residence,
Triq il-Pitirross.

MARSASKALA

* Polling Booths Nos. 907, 908 and 909
St Thomas Community Living,
Triq il-Baħħara.

IL-FGURA

* Polling Booths Nos. 910, 911 and 912
Residenza San Ġużepp,
Triq il-Kuluvert.

PAOLA

* Kamra tal-Votazzjoni Nru. 913
Casa Paola,
Triq il-Belt Valletta.

ĦAL TARXIEN

* Kmamar tal-Votazzjoni Nri. 914, 915 u 916
Dar l-Annunzjata,
Triq il-Palma.

ĦAL QORMI

* Kamra tal-Votazzjoni Nru. 917
Dar Pinto,
Triq l-Imdina.

IR-RABAT(M)

* Kmamar tal-Votazzjoni Nri. 918 u 919
St Elizabeth Home,
Vjal il-Ħaddiem.

* Kmamar tal-Votazzjoni Nri. 920 u 921
Villa Messina,
Misraħ San Duminku.

ĦAL BALZAN

* Kamra tal-Votazzjoni Nru. 922
Casa Antonia,
Triq il-Papa Alessandru VII.

IN-NAXXAR

* Kamra tal-Votazzjoni Nru. 923
Simblija Care Home,
Triq il-Forġa.

L-IMSIDA

* Kamra tal-Votazzjoni Nru. 924
Jasmine Nursing Home,
Triq il-Wied ta' l-Imsida.

IL-GŻIRA

* Kmamar tal-Votazzjoni Nri. 925 u 926
Vivan Care Residence,
Triq Nazju Ellul.

PAOLA

* Polling Booth No. 913
Casa Paola,
Triq il-Belt Valletta.

ĦAL TARXIEN

* Polling Booths Nos. 914, 915 and 916
Dar l-Annunzjata,
Triq il-Palma.

ĦAL QORMI

* Polling Booth No. 917
Dar Pinto,
Triq l-Imdina.

IR-RABAT(M)

* Polling Booths Nos. 918 and 919
St Elizabeth Home,
Vjal il-Ħaddiem.

* Polling Booths Nos. 920 and 921
Villa Messina,
Misraħ San Duminku.

ĦAL BALZAN

* Polling Booth No. 922
Casa Antonia,
Triq il-Papa Alessandru VII.

IN-NAXXAR

* Polling Booth No. 923
Simblija Care Home,
Triq il-Forġa.

L-IMSIDA

* Polling Booth No. 924
Jasmine Nursing Home,
Triq il-Wied ta' l-Imsida.

IL-GŻIRA

* Polling Booths Nos. 925 and 926
Vivan Care Residence,
Triq Nazju Ellul.

P/M IN-NAXXAR

* Kmamar tal-Votazzjoni Nri. 927 u 928
Golden Care,
Triq Għargħur.

BAĦAR IĊ-ĊAGĦAQ, IN-NAXXAR

* Kmamar tal-Votazzjoni Nri. 929, 930 u 931
Porziuncola,
Tul il-Kosta.

SAN ĠILJAN

* Kamra tal-Votazzjoni Nru. 932
Palazzo Leone,
Triq il-Qalb Imqaddsa.

* Kamra tal-Votazzjoni Nru. 933
Residenza tal-Anzjani, Sptar Zammit Clapp,
Limiti ta'.

* Kamra tal-Votazzjoni Nru. 934
Villa Anna Teresa,
Triq Sant'Anġlu.

TAS-SLIEMA

* Kmamar tal-Votazzjoni Nri. 935 u 936
Casa Marija,
Triq Manwel Dimech.

* Kmamar tal-Votazzjoni Nri. 937, 938 u 939
The Imperial,
Triq Rodolfu.

Ħ'ATTARD

* Kamra tal-Votazzjoni Nru. 940
Dar Santa Katerina,
Triq il-Pitkali.

* Kmamar tal-Votazzjoni Nri. 941 u 942
Roseville,
Triq Sant'Anton.

IL-MOSTA

* Kamra tal-Votazzjoni Nru. 943
Sorijiet Franġiskani 'Pax Et Bonum',
Triq Ġlormu Cassar.

P/M IN-NAXXAR

* Polling Booths Nos. 927 and 928
Golden Care,
Għargħur Road.

BAĦAR IĊ-ĊAGĦAQ, IN-NAXXAR

* Polling Booths Nos. 929, 930 and 931
Porziuncola,
Tul il-Kosta.

SAN ĠILJAN

* Polling Booth No. 932
Palazzo Leone,
Triq il-Qalb Imqaddsa.

* Polling Booth No. 933
Residenza tal-Anzjani, Sptar Zammit Clapp,
Limiti ta'.

* Polling Booth No. 934
Villa Anna Teresa,
Triq Sant'Anġlu.

TAS-SLIEMA

* Polling Booths Nos. 935 and 936
Casa Marija,
Triq Manwel Dimech.

* Polling Booths Nos. 937, 938 and 939
The Imperial,
Triq Rodolfu.

Ħ'ATTARD

* Polling Booth No. 940
Dar Santa Katerina,
Triq il-Pitkali.

* Polling Booths Nos. 941 and 942
Roseville,
Triq Sant'Anton.

IL-MOSTA

* Polling Booth No. 943
Sorijiet Franġiskani 'Pax Et Bonum',
Triq Ġlormu Cassar.

* Kamra tal-Votazzjoni Nru. 944
Central Home,
Vjal l-Indipendenza.

* Kmamar tal-Votazzjoni Nri. 945, 946 u 947
Casa Arkati,
Triq il-Kostituzzjoni.

IL-MELLIEĦA

* Kmamar tal-Votazzjoni Nri. 948 u 949
Dar il-Madonna tal-Mellieħa,
Triq il-Wied.

SAN PAWL IL-BAĦAR

* Kamra tal-Votazzjoni Nru. 950
Casa Serena,
Triq Sir Luigi Preziosi.

* Kmamar tal-Votazzjoni Nri. 951 u 952
Casa San Paolo,
Triq it-Turisti.

RABAT (GĦ)

* Kamra tal-Votazzjoni Nru. 953
Casa Giuseppe,
Triq Fortunato Mizzi.

GĦAJNSIELEM

* Kamra tal-Votazzjoni Nru. 954
Dar San Ġuzepp,
Triq l-Imġarr.

SAN LAWRENZ

* Kamra tal-Votazzjoni Nru. 955
Villa San Lawrenz,
Triq Ta' Ċangura.

* Kamra tal-Votazzjoni Mħallta

J. CAMILLERI
Kummissjonarju Elettorali Prinċipali

Uffiċċju tal-Kummissjoni Elettorali,
Ex-Trade Fair Grounds,
In-Naxxar.

Is-7 ta' Mejju, 2026

* Polling Booth No. 944
Central Home,
Vjal l-Indipendenza.

* Polling Booths Nos. 945, 946 and 947
Casa Arkati,
Triq il-Kostituzzjoni.

IL-MELLIEĦA

* Polling Booths Nos. 948 and 949
Dar il-Madonna tal-Mellieħa,
Triq il-Wied.

SAN PAWL IL-BAĦAR

* Polling Booth No. 950
Casa Serena,
Triq Sir Luigi Preziosi.

* Polling Booths Nos. 951 and 952
Casa San Paolo,
Triq it-Turisti.

RABAT (G)

* Polling Booth No. 953
Casa Giuseppe,
Triq Fortunato Mizzi.

GĦAJNSIELEM

* Polling Booth No. 954
Dar San Ġuzepp,
Triq l-Imġarr.

SAN LAWRENZ

* Polling Booth No. 955
Villa San Lawrenz,
Triq Ta' Ċangura.

* Mixed Polling Booth

J. CAMILLERI
Chief Electoral Commissioner

Office of the Electoral Commission,
Ex-Trade Fair Grounds,
In-Naxxar.

7th May, 2026

AVVIŻI TAL-QORTI – *COURT NOTICES*

1218

Permezz ta' digriet mogħti fl-24 ta' April, 2026, mill-Bord li Jirregola l-Kera fl-atti tar-rikors fl-ismijiet Hal Mann Investments Limited et vs Gabriele Vecchi, Rikors numru 105/2026CZ, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat Gabriele Vecchi a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Permezz ta' rikors fl-ismijiet Hal Mann Investments Limited (C32363) u Paul Vella (KI 88861M) vs Gabriele Vecchi (YB6998016) ippreżentat fil-Bord li Jirregola l-Kera fl-24 ta' Marzu, 2026, ir-rikorrenti Hal Mann Investments Limited (C32363) et talbu lil dan l-Onorabbli Bord għaliex m'għandux:

i. Primarjament jordna illi din il-kawża tinstema' bil-proċeduri sommarji u dan peress li jikkonkorru l-elementi neċessarji a tenur tal-Artikolu 16A tal-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta;

ii. Jiddikjara u jiddeċiedi illi l-intimat Gabriele Vecchi għandu jiġi żgumbrat mill-fond inkwistjoni u r-rikorrenti għandhom jirrprendu l-pussess tal-fond Flat 3, 22, Ta' Tumas, Triq il-Vanilja, L-Imġarr, stante illi l-istess intimat naqqas milli jħallas il-kera kif dovuta lir-rikorrenti u dan għal aktar minn żewġ skadenzi;

iii. Jiddikjara u jiddeċiedi illi l-intimat Gabriele Vecchi huwa responsabbli sabiex iħallas €6,710 bħala arretrati ta' kera tax-xhur ta' Ottubru, 2025 sa Marzu, 2026, oltre imgħax legali dovut mill-interpellazzjoni permezz tal-ittra uffiċjali.

iv. Jiddikjara u jiddeċiedi illi l-intimat Gabriele Vecchi huwa responsabbli sabiex iħallas €603.77 bħala pendenzi ta' kontijiet tad-dawl u ilma minn Ottubru, 2025 sa Marzu, 2026;

v. Jikkundanna lill-intimat Gabriele Vecchi jħallas lir-rikorrenti l-ammont globali ta' €7,313.77 oltre mgħax legali sad-data tal-pagament effettiv;

vi. Konsegwentement jordna l-iżgumbrament fi żmien qasir u perentorju tal-intimat mill-fond Flat 3, 22 Ta' Tumas, Triq il-Vanilja, L-Imġarr.

Bl-ispejjeż kompriżi tal-ittra uffiċjali nru 391/2026 u nru 148/2025 u bl-inġunzjoni tal-intimat minn issa inġunt għas-subizzjoni.

By means of a decree of the 24th April, 2026, of the Rent Regulation Board, in the records of the Application in the names Hal Mann Investments Limited et vs Gabriele Vecchi, Application Number 105/2026CZ, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent Gabriele Vecchi in terms of Article 187(3) et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

By means of an application in the names Hal Mann Investments Limited (C32363) and Paul Vella (ID 88861M) vs Gabriele Vecchi (YB6998016), filed in the Rent Regulation Board, on the 24th March, 2026, the applicant Hal Mann Investments Limited (C32363) et requested this Honourable Board why it should not:

i. Primarily order that this cause be heard by means of summary proceedings and this because there exist the necessary elements in terms of Article 16A of Cap. 69 of the Laws of Malta;

ii. Declare and decide that the respondent Gabriele Vecchi is to be vacated from the premises in question and the applicants are to take back possession of the premises Flat 3, 22, Ta' Tumas, Triq il-Vanilja, Mġarr, since the same respondent failed to pay the rent due to the applicant and this for more than two instalments;

iii. Declare and decide that the respondent Gabriele Vecchi is responsible to pay €6,710 as arrears of rent for the months of October, 2025 till March, 2026, besides legal interest due from the solicitation by means of the judicial letter.

iv. Declare and decide that the respondent Gabriele Vecchi is responsible to pay €603.77 as pendencies of water and electricity bills from October, 2025 till March, 2026;

v. Orders the respondent Gabriele Vecchi to pay the applicant the global amount of €7,313.77 besides legal interest till the date of effective payment;

vi. Consequently order the eviction within a short and peremptory period of the respondent from the premises Flat 3, 22 Ta' Tumas, Triq il-Vanilja, Mġarr

With costs including the legal letters number 391/2026 and number 148/2025 and from now the respondent is summoned so that a reference to his oath be made

Esponenti: 4, Ta' Ferrungin, Triq il-Ganfra, L-Imġarr

Intimat: 22, Ta' Tumas, Triq il-Vanilja, L-Imġarr

Ir-rikors fl-ismijiet Hal Mann Investments Limited et vs Gabriele Vecchi, Rikors numru 105/2026CZ, jinsab differit għat-8 ta' Mejju, 2026, fil-11.30 a.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 5 ta' Mejju, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Applicants: 4, Ta; Ferrungin, Triq il-Ganfra, Mġarr

Respondent: 22, Ta' Tumas, Triq il-Vanilja, Mġarr

The application in the names Hal Mann Investments Limited et vs Gabriele Vecchi, Application Number 105/2026CZ has been postponed for hearing to the 8th May, 2026, at 11.30 a.m.

Registry of the Superior Courts, today 5th May, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1219

Permezz ta' digriet mogħti fil-5 ta' Mejju, 2026, mill-Qorti, Prim'Awla, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 1831/2026, fl-ismijiet Avukat Dott. John Refalo et noe vs GF Contractors Limited et, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12 fil-konfront ta' Marco Debattista u Oratorian Capital Ltd

Fil-Prim'Awla tal-Qorti

Illum 17 ta' April, 2026

Lil: GF Contractors Limited
Oratorian Capital Ltd (C103895) ta' 10 Blk A, Flat 5A, Triq Hughes Hallet, Tas-Sliema
ALDB & Associates Ltd
Kurt Galea
Anthony James Fisher
Il-Perit David Drago
Il-Perit Darryl Cutajar
Marco Debattista (KI 420776M) ta' 52, The Cottage, Triq Ħal Ġwann, Iż-Żejtun
Aldo Busuttil
Joseph Camilleri
Luca Miceli Demajo
Samuel Borg

Permezz tal-preżenti l-Avukat Dott. John Refalo (KI 113874M) bħala prokuratur specjali għan-nom u inrappreżentanza tal-assenti (1) Mimoza Balla (KI Albaniża 035713143) kemm f'isimha personali kif ukoll f'isem binha minuri … omissis … (passaport Albaniż bin-numru BF 2330062) ilkoll residenti 30, Flat Num 1, Kostenje Street, Albania; kif ukoll (2) Ali Balla (passaport Albaniż bin-numru BR 2736211) residenti 30 Flat Num 1, Kostenje Street, Albania; (3) Munduhije Balla (permess ta' residenza Maltija 0334422A residenti 148, 66030, Via Borgata Fattore Santa Maria Imbaro, Lanciano CH, Italja; (4) Mirela Musta

By means of a decree of the 5th May 2026 of the Civil Court, First Hall, in the records of judicial letter number 1831/2026, in the names Advocate Dr John Refalo et noe vs GF Contractors Ltd et, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on Marco Debattista and Oratorian Capital Ltd in terms of Article 187(3) et sequitur of Cap. 12.

In the First Hall of the Civil Court

Today 17th April, 2026

To: GF Contractors Limited
Oratorian Capital Ltd (C103895) of 10 Blk A, Flat 5A, Triq Hughes Hallet, Tas-Sliema
LDB & Associates Ltd
Kurt Galea
Anthony James Fisher
Perit David Drago
Perit Darryl Cutajar
Marco Debattista (ID 420776M) of 52, The Cottage, Triq Ħal Ġwann, Żejtun
Aldo Busuttil
Joseph Camilleri
Luca Miceli Demajo
Samuel Borg

By the present Advocate Dr John Refalo (ID 113874M) as special procurator for and on behalf of the absentee (1) Mimoza Balla (Albanian Identity Card number 035713143) in her own name and for and on behalf of her minor son … omissis … (Albania passport number BF 2330062) all residing at 30, Flat Num 1, Kostenje Street, Albania; and also (2) Ali Balla (Albanian passport number BR 2736211) residing at 30 Flat Num 1, Kostenje Street, Albania; (3) Munduhije Balla (Maltese residential permit number 0334422A) residing at 148, 66030, Via Borgata Fattore Santa Maria Imbaro, Lanciano CH, Italja; (4) Mirela Musta

(karta tal-identità Albaniża bin-numru 034107628) residenti 16, Flat Num 1, Kostenje Street, Albania; (5) Fatjola Balla (karta tal-identità Albaniża bin-numru 039027551) residenti 30, Flat Num 1, Kostenje Street, Albania; u (6) Mbaresa Balla (Karta tal-Identità Albaniża bin-numru 038681478) residenti 30, Flat Num 1, Kostenje Street, Albania, qua eredi tad-defunt Bari Balla li kien detentur tal-permess ta' residenza Malti bin-numru 433576A jagħmlu referenza għall-inċident li ġara nhar l-20 ta' April, 2024, ġewwa s-sit bin-numru 9, New York fi Trejqet Sant'Injazju, Tas-Sliema, u/jew postijiet oħra f'Malta fejn l-istess Bari Balla tilef ħajtu waqt li kien qiegħed fuq il-lant tax-xogħol.

Illi bil-preżenti l-mittenti qegħdin iżommukom kollha jew min minnkom responsabbli għall-mewt tal-imsemmi Bari Balla stante li intom inqastu fl-obbligi tagħkom skont il-liġi kemm bħala persuni li tħaddmu n-nies, kemm bħala żviluppaturi kif ukoll bħala periti u esperti tekniċi inkarigati mill-kostruzzjoni ta' sit u dan billi intom jew min minkom b'nuqqas ta' ħsieb u/jew bi traskuraġni u/jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tagħkom u/jew b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti u/jew b'tort u/jew negliġenza u/jew imperizja u/jew nuqqas ta' teħid ta' miżuri neċessarji fosthom iżda mhux limitat għall-fatt illi intom jew min minnkom inqastu illi tipprovdu ambjent sigur fuq il-post tax-xogħol (safe working environment) u kif ukoll milli tieħdu l-prekawzjonijiet neċessarji sabiex tissalvagwardjaw is-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema fuq il-lant tax-xogħol ikkaġunajtu l-mewt tal-istess Bari Balla.

Għaldaqstant, filwaqt illi qegħdin tinżammu responsabbli in dolo, moro u culpa qegħdin tiġu interpellati sabiex tersqu għal-likwidazzjoni tad-danni sofferti kaġun ta' dan l-inċident u dan fi żmien ġimgħa mid-data ta' din l-ittra uffiċjali. Fl-eventwalità illi intom tibqgħu inadempjenti l-mittenti javżawk illi se jieħdu passi ulterjuri bil-Qorti kontra tagħkom mingħajr ebda preavviż ieħor, liema passi jistgħu jinkudu l-ħruġ tal-mandati kawtelatorji opportuni.

Din l-ittra qiegħda tintbagħat għall-finijiet u effetti kollha tal-ligi u ċoè tal-Kap. 12 u Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet legali skont il-liġi, kif ukoll b'riżerva għal kwalunkwe azzjoni opra spettanti lill-mittenti.

Notifika: Oratorian Capital Ltd (C103895) ta' 10, Blk A, Flat 5A, Triq Hughes Hallet, Tas-Sliema

Marco Debattista (KI 420776M) ta' 52, The Cottage, Triq Ħal Ġwann, Iż-Żejtun

Reġistru tal-Qrati tal-Superjuri, illum 6 ta' Mejju, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

(Albania identity card number 034107628) residing at 16, Flat Num 1, Kostenje Street, Albania; (5) Fatjola Balla (Alabania identity card number 039027551) residing at 30, Flat Num 1, Kostenje Street, Albania; and (6) Mbaresa Balla (Albania Identity Card Number 038681478) residing at 30, Flat Num 1, Kostenje Street, Albania, qua heirs of the late Bari Balla who had Maltese residence permit number 433576A, refer to the accident which occurred on 20th April 2024 at the site number 9, New York in Trejqet Sant'Injazju, Tas-Sliema, and/or other places in Malta where the same Bari Balla lost his life while at the actual work place.

That presently the interpellants are holding all or either of you responsible for the death of the said Bari Balla since you have failed in your obligations according to law both as employers, both as developers and as architects and technical experts in charge of the construction site and this because you or either of you with lack of thought and/or carelessness and/or lack of skill in your art or profession and/or lack of observation of regulations and/or at fault and/or negligence and/or expertise and/or failure to take the necessary measures including but not limited to the fact that you or either of you failed to provide a safe working environment (safe working environment) and also to take the necessary precautions to safeguard the health and safety of workers at the workplace caused the death of the same Bari Balla.

Thus, whilst being held responsible in dolo, Moro and culpa you are being solicited to come forward for the liquidation of the damages suffered as a result of this incident and this within one week from the date of this judicial letter. In the event that you remain in default the interpellants warn you that they shall take further Court action against you without further notice, which action may include the issuing of the opportune precautionary warrants.

This letter is being sent for all intents and purposes of law and namely Cap. 12 and Cap. 16 of the Laws of Malta.

With costs and legal interest according to law, as well as reserving any other action due to the interpellant.

Notification: Oratorian Capital Ltd (C103895) ta' 10, Blk A, Flat 5A, Triq Hughes Hallet, Tas-Sliema

Marco Debattista (KI 420776M) ta' 52, The Cottage, Triq Ħal Ġwann, Żejtun

Registry of the Superior Courts, today 6th May, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1220

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fl-24 ta' Marzu, 2026, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 452/2025AB, fl-ismijiet: Mary Rose Sultana et vs Dott. Joseph Bonnici et, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni, a tenur tal-Artikolu 495A et sequitur tal-Kapitlu 16, biex isservi bħala notifika fil-konfront tal-intimati.

Permezz ta' rikors fl-ismijiet: Mary Rose Sultana (KI 533250M), Roberta Adriana Sultana (KI 169075M) għan-nom u fl-interess tal-imsiefer Louis Sultana (KI 109349M), Anna Zerafa (KI 96955M), Mario Sultana (KI 424458M), Francis Sultana (KI 941545M), Sister Josephine Ann Sultana (KI 638847M) vs Dott. Joseph Bonnici u Kuraturi Deputati nominati permezz tad-digriet ta' din l-Onorabbli Qorti tal-5 ta' Jannar, 2026, sabiex jirrappreżentaw l-interessi tas-sidien mhux magħrufa ta' tlieta u għoxrin minn mija u tmienja indiviż (23/108) u ċoè s-suċċessuri fit-titolu ta' Concetta Cauchi née Vella, armla ta' Giovanni Cauchi, Vincenzo Cauchi, Josephine Grungo, Lucy Trickas u Maria Stella Abela u li ma jistgħux jinstabu. Permezz ta' rikors konġunt ai termini tal-Artikolu 495A tal-Kap. 16, l-esponenti bir-rispett jesponu:

1. Illi l-esponenti flimkien mal-intimati huma proprjetarji tal-fond uffiċjalment enumerat tlieta u erbgħin (43), f'Old Mint Street, Il-Belt Valletta, liberu u frank, u bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha tiegħu, hekk kif indikat fl-anness konvenju datat it-Tlettax (13) ta' Frar tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024);

2. Illi b'kollox l-esponenti huma proprjetarji ta' ħamsa u tmenin minn mija u tmienja (85/108) indiviżi tal-imesmmija fondi, filwaqt illi l-intimati huma proprjetarji ta' tlieta u għoxrin minn mija u tmienja (23/108) indiviżi tal-istess fond, bl-esponenti fil-kwoti ta' ħamsa u tmenin minn sitt mija u tmienja u erbgħin indiviżi (85/648) kull wieħed tal-intier, filwaqt illi l-intimati, suċċessuri fit-titolu ta' Concetta Cauchi née Vella armla ta' Giovanni Cauchi, għandhom sehem ta' wieħed minn tnax (1/12) indiviżi bejniethom, filwaqt li s-suċċessuri ta' kull wieħed u waħda minn Vincenzo Cauchi, Josephine Grungo, Lucy Trickas u Maria Stella Abela, sebgħa minn mitejn u sittax (7/216) indiviżi bejniethom, kull wieħed. (Prospett u Dikjarazzjoni annessi u mmarkat Dok. EC 1 u EC 2);

3. Illi oriġinarjament Carmela Cauchi (li tiġi l-bużnanna tal-esponenti), armla minn Vincenzo Cauchi akkwistat il-proprjetà mertu tal-kawża odjerna permezz ta' Att ta' diviżjoni datat it-tnejn u għoxrin ta' Ġunju tas-sena elf disa' mija u sitta u għoxrin (22/6/1926) ippubblikat fl-atti tan-Nutar Carlo Micallef de Caro (Ins. 1771/1926) minn liema att tirriżulta provenjenza ulterjuri. (Dok. EC 3);

By means of a decree given by the Civil Court, First Hall, on the 24th March, 2026, in the records of the Sworn application number 452/2025AB, in the names: Mary Rose Sultana et vs Dr Joseph Bonnici et, the following publication was ordered, in terms of Article 495A et sequitur of Cap 16, for the purpose of service of the respondents.

By means of an application in the names: Mary Rose Sultana (ID 533250M), Roberta Adriana Sultana (ID 169075M) in the name and on behalf of the abroad Louis Sultana (ID 109349M), Anna Zerafa (ID 96955M), Mario Sultana (ID 424458M), Francis Sultana (ID 941545M), Sister Josephine Ann Sultana (ID 638847M) vs Dr Joseph Bonnici and Deputy Curators appointed by means of a decree of this Honourable Court of the 5th January, 2026, to represent the interests of the unknown owners of twenty three out of one hundred and eight undivided shares (23/108) and namely the successors in title of Concetta Cauchi née Vella, widow of Giovanni Cauchi, Vincenzo Cauchi, Josephine Grungo, Lucy Trickas and Maria Stella Abela and who cannot be found. By means of a joint application in terms of Article 495A of Cap 16, the applicants respectfully submit:

1. That the applicants together with the respondents are the owners of the premises officially numbered forty three (43), in Old Mint Street, Valletta, free and unencumbered, and with all its rights and appurtenances, as indicated in the attached preliminary agreement dated the thirteenth (13th) of February of the year two thousand and twenty four (2024);

2. That in all the applicants are the owners of eighty five out of one hundred and eight (85/108) undivided shares of the same premises, with the applicants in the shares of eighty five out of six hundred and forty eight undivided shares (85/648) each of the whole, whilst the respondents, successors in title of Concetta Cauchi née Vella widow of Giovanni Cauchi, they share one twelfth (1/12) undivided share between them, while the successors of each of Vincenzo Cauchi, Josephine Grungo, Lucy Trickas and Maria Stella Abela, seven of two hundred and sixteen (7/216) undivided share between them, each. (Proposal and Declaration annexed and marked Doc. EC 1 and EC 2);

3. That originally Carmela Cauchi (who is the great grandmother of the applicants), widow of Vincenzo Cauchi acquired the property merit of the present case by means of a deed of partition dated twenty-second June of the year one thousand nine hundred and twenty-six (22/6/1926) published in the records of Notary Carlo Micallef de Caro (Ins. 1771/1926) from which act it results further. (Doc. EC3);

4. Illi Carmela Cauchi mietet nhar id-disgħa u għoxrin ta' Ottubru tas-sena elf disa' mija u sitta u tletin (29/4/1936) u permezz tal-aħħar testament tagħha datat is-sittax ta' Ottubru elf disa' mija u tnejn u għoxrin (16/10/1922) ippubblikat fl-atti tan-Nutar Vincenzo Giorgio Gioioso (Ins. 2466/1922) hija ħalliet bħala eredi universali tagħha lil Marija Cauchi u Maria Antonia Cauchi bil-leġittima lil uliedha l-oħra Giuseppe, Giovanni, Gerald, Raffaele u Cesare, aħwa Cauchi filwaqt li ddiżereditat lil Luigi Cauchi. Illi għal kull bon fini jiġi dikjarat illi Luigi Cauchi miet qabel ommu u ċoè nhar it-tmienja ta' Novembru tas-sena elf, disa' mija u ħamsa u tletin (8/11/1935). (Dok. EC 4 u Dok. EC 5);

4. That Carmela Cauchi died on the twenty ninth October of the year one thousand nine hundred and thirty six (29/4/1936) and by means of her last will dated sixteenth October one thousand nine hundred and twenty two (16/10/1922) published in the records of Notary Vincenzo Giorgio Gioioso (Ins. 2466/1922), she left Mary Cauchi and Maria Antonia Cauchi as her universal heirs with the legitimacy of her other children Giuseppe, Giovanni, Gerald, Raffaele and Cesare, siblings Cauchi while she disinherited Luigi Cauchi. That for all intents and purposes it is declared that Luigi Cauchi died before his mother, on the eighth of November of the year one thousand nine hundred and thirty five (8/11/1935). (Doc. EC 4 and Doc. EC 5);

5. Illi Giuseppe Cauchi miet nhar is-sbatax ta' Settembru tas-sena elf disa' mija u erbgħa u tletin (17/9/1934) u għaldaqstant miet ukoll qabel ommu Carmela Cauchi, u għalhekk sehmu mil-leġittima ta' ommu u kwalunkwe sehem ieħor illi kieku kien jiret mingħand ħutu, intiret direttament mis-sitt (6) uliedu Vincenzo Cauchi, Josephine Grungo, Maria Sultana, Lucy Trickas, Maria Stella Abela u Anthony Cauchi permezz tad-dritt ta' rappreżentazzjoni. Illi hawn jiġi wkoll dikjarat illi b'kollox Giuseppe Cauchi kellu sebat (7) ulied, iżda bintu Dolores Cauchi mietet qablu, mingħajr ulied u ċoè nhar is-sebgħa u għoxrin ta' Diċembru tas-sena elf disa' mija u tlieta u għoxrin (27/12/1923) (Dok. EC 6 u EC 7);

5. That Giuseppe Cauchi died on the seventeenth September of the year one thousand nine hundred and thirty four (17/9/1934) and thus died before his mother Carmela Cauchi, and thus his share of the legitimacy of his mother and any other share which he would have inherited from his siblings, was directly inherited from his six (6) children Vincenzo Cauchi, Josephine Grungo, Maria Sultana, Lucy Trickas, Maria Stella Abela and Anthony Cauchi by virtue of the right of representation. That here it is also declared that in all Giuseppe Cauchi had seven (7) children, but his daughter Dolores Cauchi died before him, without children, on the twenty seventh December of the year one thousand nine hundred and twenty three (27/12/1923) (Doc. EC 6 and EC 7);

6. Illi Cesare Cauchi miet intestat, ġuvni u mingħajr ulied nhar l-erbatax ta' Marzu tas-sena elf, disa' mija u sitta u tletin (14/3/1936) u għaldaqstant miet ukoll qabel ommu Carmela Cauchi, u sehmu mil-leġittima awtomatikament jakkrexxi fuq ħutu. (Dok. EC 8);

6. That Cesare Cauchi died intestate, unmarried and without children on the fourteenth of March of the year one thousand, nine hundred and thirty six (14/3/1936) and thus died before his mother Carmela Cauchi, and his share of the legitimacy automatically accrues on his siblings. (Doc. EC 8);

7. Alfonso Gerard sive Gerald Cauchi miet nhar l-ewwel ta' Awwissu tas-sena elf disa' mija u tmienja u tletin (1/8/1938) u permezz tal-aħħar testment tiegħu datat it-tletin ta' Diċembru tas-sena elf disa' mija u sebgħa u tletin (30/12/1937) ippubblikat fl-atti tan-Nutar Emmanuele Aguis (Ins. 4408/1937) huwa ħalla l-użufrutt fuq din il-proprjetà liż-żewġ ħutu bniet Maria Antonia Cauchi u Maria Cauchi filwaqt li ħalla kwalunkwe sehem illi huwa kellu jew seta' kellu mill-proprjetà lil min jibqa' ħaj miż-żewġ ħutu bniet l-aħħar (Dok. EC 9);

7. Alfonso Gerard sive Gerald Cauchi died on the first of August of the year one thousand nine hundred and thirty eight (1/8/1938) and by means of his last will dated the thirtieth of December of the year one thousand nine hundred and thirty seven (30/12/1937) published in the records of Notary Emmanuele Agius (Ins. 4408/1937) He left the usufruct over this property to his two sisters Maria Antonia Cauchi and Maria Cauchi whilst leaving any share he held or may have held of the property to the last remaining sister (Doc. EC 9);

8. Illi l-ewwel ma mietet kienet Maria Antonia Cauchi u għaldaqstant Maria Cauchi wirtet kwalunkwe sehem illi Alfonsu Gerard Cauchi kellu jew seta' kellu mill-proprjetà. Illi din Maria Antonia Cauchi mietet intestata, xebba u mingħajr tfal nhar is-sittax ta' Settembru tas-sena elf disa' mija u tmienja u tletin (16/9/1938) u għalhekk kwalunkwe sehem illi hija kellha mill-proprjetà hawn trasferita

8. That the first who died was Maria Antonia Cauchi and thus Maria Cauchi inherited any share that Alfonsu Gerard Cauchi had or could have had of the property. That Maria Antonia Cauchi died intestate, unmarried and without children on the sixteenth of September of the year one thousand nine hundred and thirty eight (16/9/1938) and thus any share she held of the property herein transferred

awtomatikament akkrexxa fuq ħutha Maria, ulied Giuseppe, Giovanni u Raffaele aħwa Cauchi (Dok. EC 10);

9. Illi Giovanni Cauchi miet intestat, miżżewweġ u bla tfal nhar it-tlettax ta' Lulju tas-sena elf disa' mija u disgħa u tletin (13/7/1939), għalhekk kwalunkwe sehem illi huwa kellu mill-proprjetà hawn trasferita awtomatikament intiret ex lege fis-sehem ta' nofs (1/2) indiviż minn sehmu minn martu Concetta Cauchi u fis-sehem ta' nofs (1/2) indiviż minn ħutu Maria u Raffaele aħwa Cauchi (Dok. EC 11);

10. Illi Raffaele Cauchi trasferixxa kwalunkwe quota illi huwa kellu mill-proprjetà lill-oħtu Maria Cauchi u dan permezz ta' att ta' tpartit datat it-tmintax ta' Ottubru tas-sena elf, disa' mija u disgħa u tletin (18/10/1939) ippubblikat fl-atti tan-Nutar Emanuele Agius (Ins. 3203/1939). (Dok. EC 12);

11. Illi Anthony Cauchi biegħ kwalunkwe sehem illi huwa kellu jew seta' kellu mill-proprjetà lil zitu Maria Cauchi permezz ta' kuntratt ta' bejgħ datat it-tnejn ta' Mejju tas-sena elf disa' mija u tnejn u ħamsin (2/5/1952) (Ins. 1995/1952) ippubblikat fl-atti tan-Nutar J. Tabone Adami. (Dok. EC 13);

12. Illi Maria Cauchi mietet xebba u mingħajr tfal nhar il-wieħed u għoxrin ta' Lulju tas-sena elf, disa' mija u sitta u sittin (21/7/1966) u permezz tal-aħħar żewġ testmenti tagħha ppubblikati fl-atti tan-Nutar Antonio Carbonaro datat is-sebgħa ta' Mejju tas-sena elf disa' mija u sittin (7/5/1960) (Ins. 2575/1960) u ieħor ippubblikat fl-atti tan-Nutar Francis Micallef datat it-tlieta u għoxrin ta' Mejju tas-sena elf disa' mija u sitta u sittin (23/5/1966) (Ins. 4276/1966) ħalliet bħala eredi tagħha lil Maria Sultana, mart Joseph Sultana, bint ħuha l-mejjet Giuseppe Cauchi (Dok. EC 14);

13. Illi Maria Sultana mietet nhar id-disgħa u għoxrin ta' Mejju tas-sena elf disa' mija u tnejn u disgħin (29/5/1992) u permezz tal-aħħar testment tagħha ppubblikat fl-atti tan-Nutar Paul Pullicino tat-tnejn ta' Mejju tas-sena elf, disa' mija u erbgħa u sebgħin (2/5/1974) (Ins. 3576/1974) hija ħalliet b'titolu ta' legat lil żewġha Joseph Sultana l-użufrutt tal-assi kollha tagħha filwaqt illi nnominat u istitwixxiet bħala eredi universali lis-seba' (7) wliedha Anna Zerafa, Louis Sultana, Mario Sultana, Francis Sultana, Sr Josephine Ann Sultana, Carmel Sultana u Fr Tancred Sultana fi kwoti ugwali bejniethom. (Dok. EC 15);

14. Illi Joseph Sultana miet nhar l-erbatax ta' Marzu tas-sena elfejn u sitta (14/3/2006) u għalhekk l-użufrutt illi huwa kellu spiċċa. (Dok. EC 16);

automatically to her siblings Maria, children of Giuseppe, Giovanni and Raffaele siblings Cauchi (Doc. EC 10);

9. That Giovanni Cauchi died intestate, married and childless on the thirteenth of July of the year one thousand nine hundred and thirty nine (13/7/1939), thus any share he held of the property herein transferred was automatically inherited ex lege in the share of one half (1/2) undivided share of his wife Concetta Cauchi and in the share of one half (1/2) undivided share of his siblings Maria and Raffaele siblings Cauchi (Doc. EC 11);

10. That Raffaele Cauchi transferred any quota he had from the property to his sister Maria Cauchi and this by means of a deed of exchange dated eighteenth October of the year one thousand nine hundred and thirty nine (18/10/1939) published in the records of Notary Emanuele Agius (INN. 3203/1939). (Doc. EC 12);

11. That Anthony Cauchi sold any share he held or could have held of the property to his aunt Maria Cauchi by means of a contract of sale dated Monday May of the year one thousand nine hundred and fifty two (2/5/1952) (Ins. 1995/1952) published in the records of Notary J. Tabone Adami. (Doc. EC 13);

12. That Maria Cauchi died unmarried and without children on the twenty-first July of the year one thousand nine hundred and sixty-six (21/7/1966) and by means of her last two wills published in the records of Notary Antonio Carbonaro dated the seventh of May of the year one thousand nine hundred and sixty (7/5/1960) (Ins. 2575/1960) and another published in the records of Notary Francis Micallef dated the 20th May of the year one thousand nine hundred and sixty six (23/5/1966) (Ins. 4276/1966) left Maria Sultana, wife of Joseph Sultana, daughter of her late brother Giuseppe Cauchi (Doc. EC 14) as her heir;

13. That Maria Sultana died on the twenty ninth of May of the year one thousand nine hundred and ninety two (29/5/1992) and by means of her last will, published in the records of Notary Paul Pullicino of the two May of the year one thousand nine hundred and seventy four (2/5/1974) (Ins. 3576/1974), she left by title of legacy her husband Joseph Sultana the usufruct of all her assets while nominating and instituting as universal heirs her seven (7) children Anna Zerafa, Louis Sultana, Mario Sultana, Francis Sultana, Sr Josephine Ann Sultana, Carmel Sultana and Fr Tancred Sultana in equal shares between them. (Doc. EC 15);

14. That Joseph Sultana died on the fourteenth of March of the year two thousand and six (14/3/2006) and thus the usufruct he had, ended. (Doc. EC 16);

15. Illi Fr Tancred Sultana miet intestat, ġuvni u mingħajr tfal nhar it-tmintax ta' Lulju tas-sena elf disa' mija u wieħed u għoxrin (18/7/2021) u għalhekk kwalunkwe sehem illi huwa kellu mill-proprjetà mertu tal-kawża awtomatikament akkrexxa fuq ħutu Anna Zerafa, Louis Sultana, Mario Sultana, Francis Sultana, Sr. Josephine Ann Sultana u Carmel Sultana. Illi s-suċċessjoni tiegħu ddikjarata permezz tad-Dikjarazzjoni Causa Mortis datata t-tnax ta' Mejju tas-sena elfejn u tnejn u għoxrin (12/5/2022) fl-atti tan-Nutar Maria Roberta Galea (Ins. 28135/2022). (Dok. EC 17);

15. That Fr Tancred Sultana died intestate, unmarried and without children on the eighteenth of July of the year one thousand nine hundred and twenty-one (18/7/2021) and thus any share he held of the property, merit of the case, automatically increased on his brothers Anna Zerafa, Louis Sultana, Mario Sultana, Francis Sultana, Sr. Josephine Ann Sultana and Carmel Sultana. That his succession declared by means of a Declaration Causa Mortis dated the twelfth of May of the year two thousand and twenty two (12/5/2022) in the records of Notary Maria Roberta Galea (Ins. 28135/2022). (Doc. EC 17);

16. Illi Carmel Sultana miet nhar id-dsatax ta' Novembru tas-sena elfejn u tnejn u għoxrin (19/11/2022) u permezz tal-aħħar testment tiegħu ppubblikat fl-atti tan-Nutar Pamela Mifsud Bonnici nhar il-ħdax ta' Ottubru tas-sena elfejn u sittax (11/10/2016) (Ins. 23092/2016) huwa ħalla bħala eredi universali u padruna assoluta ta' ġidu kollu u lil martu Mary Rose Sultana. Illi s-suċċessjoni tiegħu ġiet iddikjarata permezz tad-Dikjarazzjoni Causa Mortis datata l-għaxra ta' Mejju tas-sena elfejn u tlieta u għoxrin (10/5/2023) fl-atti tan-Nutar Pamela Mifsud Bonnici (Ins. 14249/2023) (Dok. EC 18).

16. That Carmel Sultana died on the nineteenth of November of the year two thousand and twenty two (19/11/2022) and by means of his last will published in the records of Notary Pamela Mifsud Bonnici on the eleventh of October of the year two thousand and sixteen (11/10/2016) (Ins. 23092/2016) He left as universal heir and full owner of all his belongings to his wife Mary Rose Sultana. That his succession was declared by means of a Declaration Causa Mortis dated the tenth of May of the year two thousand and twenty three (10/5/2023) in the records of Notary Pamela Mifsud Bonnici (Ins. 14249/2023) (Doc. EC 18).

17. Illi għalhekk l-esponenti Anna Zerafa, Louis Sultana, Mario Sultana, Francis Sultana, Sr Josephine Ann Sultana u Mary Rose Sultana għandhom is-sehem ta' ħamsa u tmenin minn mija u tmienja (85/108) porzjon indiviż bejniethom filwaqt illi Vincenzo Cauchi, Josephine Grungo, Lucy Trickas, Maria Stella Abela u Dolores Cauchi għandhom is-sehem ta' tlieta u għoxrin minn mija u tmienja (23/108) porzjon indiviż bejniethom;

17. That thus the applicants Anna Zerafa, Louis Sultana, Mario Sultana, Francis Sultana, Sr Josephine Ann Sultana and Mary Rose Sultana have the share of eighty five out of one hundred and eight (85/108) undivided shares between them whilst Vincenzo Cauchi, Josephine Grungo, Lucy Trickas, Maria Stella Abela and Dolores Cauchi have the share of twenty three out of one hundred and eight (23/108) undivided shares between them;

18. Illi għalhekk il-proprjetà msemmija ilha miżmuma in komun għal iżjed minn tliet (3) snin u inoltre ma hemm ebda azzjoni quddiem tribunal jew qorti oħra għall-qsim tal-istess proprjetà;

18. That thus the property mentioned has been held in common for more than three (3) years and furthermore there is no action before a tribunal or court for the partition of the same property;

19. Illi permezz ta' konvenju datat l-erbgħa u għoxrin ta' Frar tas-sena elfejn u tlieta u għoxrin (24/2/2023), l-esponenti kienu wiegħdu illi flimkien u in solidum bejniethom ibigħu, jittrasferixxu u jassenjaw a favur ta' Christian Buhagiar u martu Gabriella Buhagiar, li min-naħa tagħhom wiegħdu illi flimkien u in solidum bejniethom jixtru u jakkwistaw il-fond bin-numru tlieta u erbgħin (43) Old Mint Street, Il-Belt Valletta, liberu u frank, bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha tiegħu, bil-prezz ta' mitejn u ħmistax-il elf ewro (€215,000), u bil-kundizzjonijiet l-oħra kollha hemm pattwiti; (Dok. EC 19);

19. That by means of a preliminary agreement dated the twenty-fourth of February of the year two thousand and twenty-three (24/2/2023), the applicants had promised that together and in solidum between them they sell, transfer and assign in favour of Christian Buhagiar and his wife Gabriella Buhagiar, who on their part promised that together and in solidum between them they buy and acquire the premises with number forty-three (43) old Mint Street, Valletta, free and unencumbered, with all its rights and appurtenances, at the price of two hundred and fifteen thousand euro (€215,000), and with all other conditions therein agreed; (Doc. EC 19);

20. Illi permezz ta' estensjoni tal-imsemmi konvenju, datat it-tlieta u għoxrin ta' Awwissu tas-sena elfejn u tlieta u għoxrin (23/8/2023) l-esponenti u l-konjuġi Buhagiar

20. That by means of an extension of the said preliminary agreement, dated the twenty-third August of the year two thousand and twenty-three (23/8/2023) the applicants and

ġeddew l-imsemmi konvenju bl-istess kundizzjonijiet u bl-istess prezz pattwit, sat-tmienja u għoxrin ta' Frar tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024). (Dok. EC 20);

21. Illi permezz ta' konvenju ieħor datat it-tlettax ta' Frar tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (13/2/2024) l-esponenti u l-konjuġi Buhagiar, filwaqt illi rreferew għall-konvenju datat l-erbgħa u għoxrin ta' Frar tas-sena elfejn u tlieta u għoxrin, iddikjaraw ukoll illi mir-riċerki rriżulta illi hemm persuni oħra li għandhom ishma mill-proprjetà in vendita iżda li ma ffirmawx l-imsemmi konvenju, u ċoè l-konvenuti sidien mhux magħrufa ta' tlieta u għoxrin minn mija u tmienja indiviż (23/108) u ċoè s-suċċessuri fit-titolu ta' Concetta Cauchi née Vella, armla ta' Giovanni Cauchi, Vincenzo Cauchi, Josephine Grungo, Lucy Trickas u Maria Stella Abela u li ma jistgħux jinstabu. (Dok. EC 21);

22. Illi ħadd mill-komproprjetarji inkluż il-konvenuti ma huma se jkunu gravament ippreġudikati bil-bejgħ tal-proprjetà inkwistjoni;

23. Illi dawn il-fatti, jafuhom personalment;

24. Illi għalhekk kellha ssir din il-kawża.

Għaldaqstant u għar-raġunijiet kollha premessi, wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet kollha neċessarji u illi jingħataw il-provvedimenti opportuni, jgħidu l-konvenuti għaliex m'għandhiex din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet tal-esponenti illi qegħdin hawn jitolbu illi din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:

1. Tapprova, tawtorizza u tordna l-bejgħ tal-intier tal-fond enumerat tlieta u erbgħin (43), f'Old Mint Street, Il-Belt Valletta, bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha tiegħu, liberu u frank, u dan bil-prezz ta' mitejn u ħmistax-il elf ewro (€215,000) u taħt il-pattijiet u l-kundizzjonijiet kollha elenkati fil-konvenju datat l-erbgħa u għoxrin ta' Frar tas-sena elfejn u tlieta u għoxrin (24/2/2023), hekk kif estiż permezz ta' konvenju ieħor datat it-tlieta u għoxrin ta' Awwissu tas-sena elfejn u tlieta u għoxrin (23/8/2023), kif ukoll fil-konvenju datat it-tlettax ta' Frar tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (13/2/2024); u dan ai termini tal-Artikolu 495A tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta; u

2. Taħtar lin-Nutar Jean Carl Debono, li rrediġa l-imsemmija konvenji hekk kif ukoll estiżi, sabiex jippubblika l-att finali ta' bejgħ u għal dan il-għan tistabbilixxi data, ħin u post;

spouses Buhagiar renewed the said preliminary agreement under the same conditions and at the same price agreed, till the twenty-eight February of the year two thousand and twenty-four (2024). (Doc. EC 20);

21. That by means of another preliminary agreement dated thirteenth February of the year two thousand and twenty-four (13/2/2024) the interpellants and the spouses Buhagiar, whilst referring to the preliminary agreement dated twenty-fourth February of the year two thousand and twenty-three, declared also that from the searches it resulted that there are other persons who have shares of the property on sale but who did not sign the said preliminary agreement, and namely the defendants unknown owners of twenty three out of one hundred and eight undivided shares (23/108) and namely the successors in title of Concetta Cauchi née Vella, widow of Giovanni Cauchi, Vincenzo Cauchi, Josephine Grungo, Lucy Trickas and Maria Stella Abela and who cannot be found. (Doc. EC 21);

22. That none of the co-owners including the defendants shall be seriously prejudiced by the sale of the property in question;

23. That these facts are known to them personally;

24. That thus this case had to be made.

Thus and for all the reasons premised, after all the necessary declarations are made and the opportune provisions are given, the defendants state why this Honourable Court should not uphold the demands of the applicants who are here asking this Honourable Court to:

1. Approve, authorise and order the sale of the whole premises numbered forty-three (43), in old Mint Street, Valletta, with all its rights and appurtenances, free and unencumbered, and this for the price of two hundred and fifteen thousand euro (€215,000) and under all the terms and conditions listed in the preliminary agreement dated twenty-fourth February of the year two thousand and three and twenty (24/2/2023), as extended by means of another preliminary agreement dated the twenty-third August of the year two thousand and twenty-three (23/8/2023), as well as in the preliminary agreement dated thirteenth of February of the year two thousand and twenty-four (13/2/2024); and this in terms of Article 495A of Cap. 16 of the Laws of Malta; and

2. Appoint Notary Jean Carl Debono, who drew up the said preliminary agreements as well as extended, to publish the final deed of sale and for this purpose establish a date, time and place;

3. Taħtar, kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lil min mill-komproprjetarji, partikularment il-konvenuti, jonqsu milli jidhru għall-pubblikazzjoni tal-att finali tal-bejgħ;

Bl-ispejjeż, kontra l-konvenuti, minn issa inġunti għas-subizzjoni.

Ir-Rikors Ġuramentat numru 452/2025AB fl-ismijiet imsemmija hawn fuq huwa differit għas-7 ta' Mejju, 2026, fid-9.00 a.m.

Notifika Intimat: Kuraturi deputati

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 6 ta' Mejju, 2026

GABRIEL MANGION
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

3. Appoint deputy curators to represent whom of the co-owners, particularly the defendants, fail to appear for the publication of the final deed of sale;

With costs, against the defendants, from now summoned so that a reference to their evidence be made.

The Sworn application number 452/2025AB in the names mentioned above is postponed to 7th of May, 2026, at 9.00 a.m.

Notification: Deputy curators

Registry of the Superior Courts, today 6th May, 2026

GABRIEL MANGION
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1221

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fit-30 ta' April, 2026, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skont l-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12) fil-konfront ta' Leone Camilleri (821156M).

Permezz ta' Rikors għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni numru 611/2026MS ippreżentat fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fl-24 ta' April, 2026, fl-ismijiet: Henry Charles Fenech (184901L) vs Leone Camilleri (821156M). Ir-rikorenti Henry Charles Fenech talab li l-Onorabbli Qorti tordna l-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni kontra l-intimat sabiex jiġi inibit milli juża u/jew jopera din il-faċilita tal-ħżin tal-Gass Petroleum Likwefatt (LPG).

Illi dan il-mandat għandu jiġi milqugħ provviżorjament.

Illi l-esponenti se jiġi preġudikat jekk is-soċjetà intimata ma tiġix inibita kif ingħad.

Għaldaqstant, l-esponenti umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tordna l-ħruġ tal-mandat ta' inibizzjoni inkwistjoni kontra s-soċjetà intimata.

Il-mandat ta' inibizzjoni numru 611/2026MS jinsab differit għat-8 ta' Mejju, 2026, fit-8.15 a.m.

Notifika Intimat: Leone Camilleri (821156M), 88, Triq Wied Ħas-Saptan, Birżebbuġa

Reġistru tal-Qorti Ċivili, illum 6 ta' Mejju, 2026

GABRIEL MANGION
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By a decree of the Civil Court, First Hall, of the 30th April, 2026, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187 (3) et seq of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12) on the respondent Leone Camilleri (821156M).

By means of an application for the issuing of a Warrant of Prohibitory Injunction number 611/2026MS filed in the First Hall Civil Court, on the 24th April, 2026, in the names: Henry Charles Fenech (184901L) vs Leone Camilleri (821156M). The applicant Henry Charles Fenech asked this Honourable Court to order the issuing of a warrant of prohibitory injunction against the respondent in order to be witheld from using and/or operating this liquefied Petroleum gas (LPG) storage facility.

That this warrant should be provisionally upheld.

That the applicant shall be prejudiced if the respondent company is not inhibited as stated.

Thus, the applicant humbly prays that this Honourable Court orders the issuing of the warrant of prohibitory injunction in question against the respondent company.

The Warrant of Prohibitory Injunction number 611/2026MS has been postponed to the 8th May, 2026, at 8.15 a.m.

Notification respondent: Leone Camilleri (821156M), 88, Triq Wied Ħas-Saptan, Birżebbuġa

Registry of the Civil Court, today 6th May, 2026

GABRIEL MANGION
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta FSC® — *Printed at the Government Printing Press on FSC® certified paper*

FSC
www.fsc.org
MIX
Paper | Supporting responsible forestry
FSC® C140603